Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke,
Mgarr, MGR 1501, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : www.mgarr.gov.mt*

## Seduta numru 46. Illum it-Tlieta, 18 ta' Novembru 2008

### MINUTI

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

***Approvazzjoni tal-Minuti***
***Korrispondenza***
***Komunikazzjonijiet mis-Sindku***
***Festin tal-Milied***
***Stampar tal-Fuljett il-Migbha***
***Affarijiet Mixxellanji***

### PREZENTI

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt,
Il-Kunsillier Victoria Sammut, il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-Laqgha giet immexxija mis-Sindku.

### MINUTI

**376.0 Approvazzjoni tal-Minuti**

376.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

376.2 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**377.0 Korrispondenza**

377.1 Il-Kunsill baghat artiklu fil-gazzetta l-Orizzont, fejn informa li qed jistenna li l-Awtoritajiet ikkoncernati ihaffu l-process biex tigi nstallata l-ispeed camera fi Triq il-Mosta, kif propost mill-Kunsill.

377.2 Il-Kunsill innota l-korrispondenza mit-TCTC dwar il-korsijiet bazici tal-kompjuter li se jigu organizzati bejn din il-kumpanija u t-TCTC minn Jannar li gej. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kien hemm konkorrenza tajba mir-residenti ghal dan il-kors.

377.3 Inqrat ittra mill-Enemalta fejn il-Kunsill gie nfurmat li se jinghata skond ta' 50 fil-mija fuq il-konsum ta' l-elettriku in konnessjoni mat-tizjin tal-Milied.

377.4 Il-Kunsill se jibghat reminder lill-Wasteserv dwar l-installazzjoni ta' Bring In Site fiz-Zebbiegh.

377.5 Il-Kunsill qabel li jaghti donazzjoni ta' € 50 lil St. Joseph Home, f'Santa Venera.

377.6 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat dwar l-invit li baghat il-Kappillan ghal quddiesa ta' nhar is-Sibt 29 ta' Novembru, fejn Dun Antoine Borg se jiehu l-hatra ta' Kappillan tal-lokalita. Kien hemm qbil li l-Kunsill jiehu sehem fil-purcissjoni mid-dar tal-Kappillan sal-knisja, qabel il-quddiesa.

377.7 Is-Sindku se jattendi ghal-laqgha tas-Sindki fil-5 u 6 ta' Dicembru, li se ssir fil-lukanda Dolmen.

**378.0 Komunikazzjonijiet**

378.1 Is-Sindku nforma li se ssir laqgha mas-Surmast ta' l-iskola fil-21 ta' Novembru, biex jigu diskussi kemm l-attivitajiet in konnessjoni mal-15 il sena anniversarju minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali kif ukoll punti ohra relatati ma l-iskola.

378.2 Il-Kunsillier David Battistino nforma dwar il-proposta mill-Kumitat taz-zghazagh biex ihejju festin tal-Milied fl-10 ta' Jannar u qal li qed jigu studjati diversi postijiet li jistghu jintuzaw ghal dan il-ghan. Is-Sindku ppropona li l-festin isir fis-sala tal-Kunsill Lokali Mgarr, filwaqt li l-hlas tal-ikel isir mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

378.3 Is-Sindku nforma li waqt il-mixja tal-membri tal-Kunsill, ta' nhar il-Hadd, 7 ta' Dicembru, in konnessjoni mal-15 il sena anniversarju minn meta twaqqfu l-Kunsilli Lokali, il-Kunsill ried isib Scout biex izzomm l-istandard tal-Kunsill waqt il-mixja. Kien hemm qbil li s-Sinjorina Josianne Micallef u s-Sinjorina Joanne Mifsud izommu l-istandard waqt il-mixja. Wara l-mixja se jkun hemm quddiesa fil-Konkatidral ta' San Gwann u wara jsir riceviment f'Kastilja.

**379.0 Festin tal-Milied**

379.1 Il-Kunsill gabar stimi ghal prezz ta' sala fil-lokalita ta' l-Imgarr u ghal catering ghall-festin tal-Milied 2008.

379.2 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li kien hemm tliet stimi li kkwotaw ghall-uzu tas-sala, filwaqt li wiehed kwota kemm ghas-sala kif ukoll ghall-catering.

379.3 Wara li gew analizzati l-istimi kien hemm qbil li tinghazel l-offerta ta' Sunny Bar and Restaurant peress li offra l-uzu tas-sala minghajr hlas, filwaqt li kien hemm qbil li peress li l-offerta tal-catering provdut kien gholi, il-Kunsill se jitlob stimi ghall-catering.

**380.0 Stampar tal-Fuljett il-Migbha**

380.1 Il-Kunsill gabar stimi ghall-istampar tal-fuljett il-Migbha. Wara li gew analizzati l-istimi, kien hemm qbil li tinghazel l-offerta ta' Colour Image, peress li kienet l-orhos offerta ghal prezz ta' € .

**381.0 Affarijiet Mixxellanji**

381.1 Il-Kunsill qabel li jinkrew sett ta' zewg horn speakers minghand Transient Ltd. ghal prezz ta' € 189.39 ghax-xahar ta' Dicembru, li se jitwahhlu mal-Kunsill.

381.2 Il-Kunsill qabel li biex jithejjew il-hampers ghall-persuni b'dizabilita, jinxtara l-frott minghand Mgarr Speciality.

381.3 Il-Kunsillier Agostino Ebejer gibed l-attenzjoni fuq l-arblu perikoluz li jinsab fil-Housing Estate. Huwa gie nfurmat li l-Korporazzjoni Enemalta hija nfurmata bil-kaz u dan se jinqala' ladarba jsir il-culvert fil-bankina li tinsab faccata tat-Triq.

381.4 Il-Kunsillier Agostino Ebejer u l-Kunsillier Victoria Sammut kienu prezenti waqt li nghatat l-injezzjoni kontra l-influwenza fil-Berga nhar il-Hamis, 13 ta' Novembru. B'kollox kienu 201 anzjan/a li bbenefikaw minn dan is-servizz.

381.5 Il-Kunsill qabel li titwahhal mera quddiem il-Bus Shelter fi Triq iz-Zebbiegh, biex tkun aktar facli ghal persuni li qed jistennew tal-linja biex jaraw tal-linja gejja minn din it-Triq.

381.6 Il-Vici Sindku ghaddha l-lista ta' hlasijiet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier Victoria Sammut issekondat. Kien hemm qbil unanimu f'dan ir-rigward.

381.7 Il-laqgha ntemmet fid- 9.00pm

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku